MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Numru. 77/2008

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Omissis**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront OMISSIS

Akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-4 ta’ Novembru 2005 u fix-xhur ta’ matul is-sena 2005 gewwa dawn il-gzejjer:

a) Biegh jew xort’ohra traffika fil-pjanta mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li jindikaw li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101);

Rat illi fis-seduta tat-22 ta’ April 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga’ tisma’ l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Novembru 2005, giet imwaqqfa vettura waqt *road block* mill-Forzi Armati, f'liema vettura l-imputat kien passiggier. Fil-pussess tal-imputat kienu nstabu bicciet tar-raza tal-*cannabis*, apparti li kienu gew misjuba wkoll xi bicciet tar-raza fit-triq wara li dawn gew mormija mill-istess vettura. Fix-xhieda tieghu, f'dawn il-proceduri, l-imputat jammetti li dawn kienu tieghu.[1] Skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[2], il-hames blokki zghar ta' sustanza ta' lewn kannella, kontenuti fid-dokumenti li huwa nghata ghall-analizi, kienu raza tal-pjanta tal-*cannabis*, f'ammont nett totali ta' 15.31 grammi. Fl-istess blokki nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* b'purita` medja ghal din is-sustanza ta' cirka 4.2%.

Dwar dan il-kaz, l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet nhar is-6 ta' Novembru 2005, wahda fil-11.00 a.m. u l-ohra fis-1.32 p.m.

Dwar dawn l-istqarrijiet, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2011, id-difiza talbet l-isfilz tal-istess stqarrijiet stante li l-imputat ma kienx assistit minn avukat fiz-zmien li huwa rrilaxxjahom[3]. Dwar din it-talba, fl-istess seduta, il-Qorti kif diversament preseduta, irrizervat li tipprovdi fi stadju ulterjuri, peress li dak iz-zmien, kien hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2013, id-difiza regghet talbet l-isfilz taz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat u dan in vista tal-fatt illi l-imputat ma kellux access ghall-assistenza legali waqt li ttiehdulu dawn l-istqarrijiet, kif ukoll fid-dawl ta' dak li stqarr l-imputat fix-xhieda tieghu waqt dawn il-proceduri. In sostenn ta' din it-talba, id-difiza ghamlet referenza ghas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** u **Il-Pulizija vs Alvin Privitera**, decizi fit-12 ta' April 2011 u fil-11 ta' April 2011 rispettivament u ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Fit-trattazzjoni finali taghha, imbaghad, id-difiza ssottomettiet illi n-nuqqas ta' assistenza legali lill-imputat fiz-zmien li

[1] Xhieda ta' Lt. Sharon Bellizzi (a fol. 40 *et seq* tal-process); xhieda ta' PS 579 Antoine Micallef (a fol. 18 *et seq* tal-process; xhieda tal-imputat (a fol. 80 *et seq* tal-process).
[2] A fol. 50 *et seq* tal-process.
[3] Ara verbal a fol. 45 tal-process.

ttehdulu dawn l-istqarrijiet, ghandu jwassal sabiex dawn jigu sfilzati jew skartati.

Jirrizulta illi l-imputat irrilaxxja dawn iz-zewg stqarrijiet lill-pulizija, fil-kors tal-investigazzjoni taghha, fis-6 ta' Novembru 2005 u ghalhekk meta l-ligi ma kinitx tippermetti li persuna suspettata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviz Legali 35/2010.

Din il-Qorti tirreferi ghal diversi sentenzi dwar l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta' assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Il-Pulizija vs Alvin Privitera** u **Il-Pulizija vs Mark Lombardi** decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2012 u fit-12 ta' April 2012 rispettivament, **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013 u **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta' Frar 2014 u **Anthony Taliana vs Kummissarju tal-Pulizija et**, deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Frar 2015.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu*

*kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fis-sentenza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amanda Agius**, il-Qorti Kostituzzjoni kkonkludiet illi l-uzu tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata f'dak il-kaz, ikun bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ghaliex din ma nghatatx l-opportunita` li tiehu parir legali qabel l-interrogazzjoni taghha. L-istess Qorti regghet irribadiet l-insenjament taghha fis-sentenza fuq citata. Din is-sentenza hija fuq l-istess binarju ta' sentenza ohra moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess jum ossia dik fl-ismijiet **Pulizija vs Tyrone Fenech**, fejn inghad hekk:

*"… il-qorti tibda biex tghid illi l-jedd ta' ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jinghata mhux biex tinholoq formalita` li n-nuqqas taghha jaghti mezz ta' difiza lill-akkuzat: dak il-jedd jinghata ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b'xi mod iehor abuzivament. Il-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq isehh meta l-istqarrija tittiehed abuzivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittiehdet minghajr l-ghajnuna ta' avukat.*

*… Ghalkemm din il-qorti ma taqbilx illi hija interpretazzjoni korretta tal-kaz ta' Salduz illi tghid illi n-nuqqas ta' ghajnuna ta' avukat iwassal, ghalhekk biss u ipso facto, ghall-ksur tal-jedd ghal smigh xieraq[4], madankollu jista' jigri, indipendentement minn x'intqal f'Salduz, illi stqarrija mehuda minghajr il-garanziji ta' legittimita` twassal ghall-ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq, mhux*

[4] Il-Qorti hawnhekk ghamlet referenza ghas-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**, u sentenza ohra fl-ismijiet **Joseph Bugeja vs Avukat Generali** (Qorti Kostituzzjonali, 14 ta' Jannar 2013).

*ghax l-interrogat ma kellux ghajnuna ta' avukat izda ghax l-istqarrija tkun ittiehdet abuzivament u ma tkunx ta' min joqghod fuqha.*

*… Din il-qorti ga` osservat illi l-jedd ghal smiegh xieraq ma jinghatax biex min hu hati jahrab il-konsegwenzi ta' ghemilu minhabba xi formalita` nieqsa minn konsegwenzi gravi u reali. Qabel ma dahal fis-sehh l-Art. 355AT tal-Kodici Kriminali l-jedd ghal parir ta' avukat kien maghruf bhala element tal-jedd ghal smigh xieraq bil-hsieb illi jitharsu persuni illi, minhabba sitwazzjoni partikolari ta' vulnerabilita`, djghufija jew biza', setghu jaghmlu stqarrijiet li bis-sahha taghhom jinsabu hatja meta fis-sewwa hatja ma humiex. L-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet bhal dawn isservi biex teghleb dik il-vulnerabilita` u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija."*

F'dak il-kaz, stante illi l-imputat kien ghadu kemm ghalaq dsatax-il sena meta ghamel l-istqarrija, il-Qorti Kostituzzjonali qieset illi jista' jkun li minhabba l-eta` tieghu, huwa kellu dik il-vulnerabilita` u ghalhekk nuqqas ta' dik il-garanzija iwassal ghall-ksur tal-Artikolu 6. L-istess gie deciz fil-kaz **Pulizija vs Amanda Agius**, fis-sens illi minhabba l-eta` taghha, hija wkoll kellha dik il-vulnerabilita`.

In oltre, fis-sentenza fl-ismijiet **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi:

*"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita`, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, inghad hekk fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellata f'dawk il-proceduri:

*"Irrizulta mill-provi illi l-prosekuzzjoni resqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress li ma hemm l-ebda xhieda ohra ma xhiex setghet tikkorrobora din l-istess stqarrija. Irrizulta illi l-appellata kienet tfajla ta' 18 il-sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija in konnessjoni ma' reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-intervista taghha mal-pulizija illi ammettiet illi hadet id-droga ecstasy xi sena qabel l-intervista. Veru illi fl-istqarrija hemm imnizzel illi l-appellata giet moghtija l-caution, imma kemm kienet effettiva din it-twissija jew kemm fehmitha stante l-eta' tenera taghha f'dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti ferm tiddubita. Ghalhekk irrizulta illi l-unika prova illi resqet il-prosekuzzjoni kontra l-appellata hija l-istqarrija u darba din ma tinsabx korroborata minn xhieda ohra jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss. Terga' din il-Qorti jidhrilha illi bhala tfajla ta' l-eta' ta' 18 il-sena, ghad illi din hija eta' maggioritarja, l-appellata kellha titqies bhala persuna vulnerabbli illi facilment kienet impressjonata bil-prezenza tal-pulizija u l-fatt illi kienet qed tigi nterrogata minnhom. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet ricenti l-Ewwel Qorti ghamlet sew li skartat l-istqarrija u peress li ma kienx hemm provi ohra waslet ghal liberatorja ta' l-appellata. Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha waslet ghal konkluzjoni gusta u din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni."*

Fis-sentenza moghtija fit-8 ta' Mejju 2014 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Natassja Gouder**, inghad hekk:

*" … ghad-determinazzjoni tal-valur probativ ta' stqarrija l-Qorti ma tridx tehodha "in isolation," izda ghandha tara dan id-dokument flimkien mal-provi l-ohra li jkunu ngiebu u jkun perikoluz jekk persuna tinstab hatja biss fuq l-istqarrija u xejn aktar, jekk jezistu cirkostanzi illi jistghu jinfluwixxu*

*negattivament il-valur probativ bhala perezempju l-vulnerabiltà tal-persuna illi tkun qieghda taghti din l-istqarrija.*

*Naturalment il-Qorti ma tistax taghti definizzjoni kategorika tat-tifsira tal-kelma vulnerabiltà peress illi dana jiddependi hafna mic-cirkostanzi ghall-ohra izda l-aktar ovvja hija l-età tal-persuna fejn età tenera hija aktar suxxettibbli ghal influwenza ta' ufficcjali investigattivi anki jekk dawn ikunu qieghdin ihejju l-investigazzjoni skont il-ligi u bil-kawteli kollha.*

*F'dan il-kaz il-persuna investigata kienet tfajla ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, veru età maggorenni, però ghal mod kif ikkomportat ruhha waqt l-investigazzjoni u bl-informazzjoni illi hija tat meta din ma kinitx mitluba hu ovvju illi l-appellata ma fhemet xejn mid-drittijiet taghha ghas-silenzju. Ghalhekk l-appellata ghandha titqies bhala persuna vulnerabbli u jkun perikoluz illi l-Qorti toqghod biss fuq l-istqarrija meta tigi biex tiddeciedi dwar il-htija peress illi dan johloq il-periklu illi l-appellata tinstab hatja meta ma kellhiex tinstab hatja.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, kwindi, din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha taghti valur probativ gholi lill-istqarrija rilaxxata mill-appellata u jkun gust illi tigi skartata. Kif qalet l-ewwel Qorti "illi provi ohra, kif digà nghad aktar 'il fuq, li jistghu jissostanzjaw l-akkuzi ma hemmx." Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti meta illiberat lill-appellata."*

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi m'huwiex kontestat, kif del resto jirrizulta mill-atti, illi l-unika prova li gabet il-prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputazzjoni (a) ossia dik ta' bejgh u traffikar tar-raza tal-*cannabis*, hija t-tieni stqarrija rilaxxjata mill-imputat. Fir-rigward ta' din l-imputazzjoni m'hemm l-ebda prova ohra fl-atti. Il-pussess tar-raza tal-

*cannabis* m'huwiex qed jigi kkontestat mid-difiza, tant illi l-imputat ammetta fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri[5], illi dak iz-zmien huwa kien jaghmel uzu mill-*cannabis* u li d-droga li nstabet fil-pussess tieghu fil-lejl in kwistjoni, kienet fil-fatt ghall-uzu personali tieghu. Dak li qed jigi kkuntestat mid-difiza, ghalhekk, apparti r-reat ta' traffikar, huwa l-pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*, mertu tal-imputazzjoni (b).

Jirrizulta illi l-imputat kien ghadu kif ghalaq sbatax-il sena[6] meta ttiehdu l-istqarrijiet tieghu u li lanqas ma kien akkumpanjat mill-genituri tieghu meta rrilaxxja dawn l-istqarrijiet. Jirrizulta wkoll illi dak iz-zmien, il-fedina penali tieghu kienet netta ghal kollox u li qatt ma kien involut f'xi investigazzjonijiet ohrajn precedentement ghal dan il-kaz u ghalhekk l-istess imputat la kien midhla tal-pulizija u lanqas tal-manjiera ta' kif isiru l-interrogazzjonijiet. F'dawn ic-cirkostanzi huwa seta' facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju u konsegwentement seta' jinkrimina ruhu, kif fil-fatt ghamel b'dak li qal fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu, meta seta' jibbenefika mid-dritt tieghu li ma jwegibx. Mill-mod kif huwa gab ruhu waqt l-investigazzjoni tieghu u mill-informazzjoni li huwa ta meta ma kienx mitlub li jaghmel dan, il-Qorti tiddubita ferm kemm l-imputat fehem illi kellu d-dritt li jibqa' sieket. Il-Qorti tinnota wkoll illi l-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-imputat ittiehdet bejn il-11.00 a.m. u l-11.30 a.m. Ghal xi raguni, l-imputat baqa' ma giex rilaxxjat mill-Pulizija wara li ttiehdet din l-istqarrija, tant li sussegwentement, ttehditlu t-tieni stqarrija bejn is-1.32 p.m. u s-2.00 p.m. Il-Qorti tinnota wkoll illi fl-ewwel stqarrija, meta mistoqsi jekk kienx lest li jiffirmaha, huwa wiegeb "*Le ma nahsibx ghax qed nibza*'".[7] Fix-xhieda tieghu, f'dawn il-proceduri, imbaghad, l-imputat qal illi bejn l-ewwel u t-tieni stqarrija, ghalkemm la kien hemm ghajjat[8] u lanqas theddid[9] da parti tal-pulizija, "*kien hemm hafna pulizija dehlin u hergin … u bdew jghiduli issa naqilbuha traffikar u tigik aghar … u iktar bdejt nibza' u quddiem ghajnejja bdejt nara lill-genituri tieghi*"[10]. Il-Qorti jidhrilha illi huwa

[5] A fol. 80 *et seq* tal-process.
[6] Mic-certifikat tat-twelid tal-imputat esebit a fol. 3 tal-process, jirrizulta illi l-imputat twieled fit-22 ta' Settembru 1988. Il-kaz odjern sehh fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Novembru 2005.
[7] A fol.13 tal-process.
[8] A fol. 89 tal-process.
[9] A fol. 91 tal-process.
[10] A fol. 87 tal-process.

tassew verosimili illi huwa kien qieghed jibza' fis-sitwazzjoni li kien jinsab fiha. Fid-dawl ta' dan kollu, l-imputat ghandu jitqies bhala persuna vulnerabbli u jkun perikoluz illi l-Qorti toqghod fuq l-istqarrijiet rilaxxjati minnu f'dawn ic-cirkostanzi, meta tigi biex tiddeciedi dwar il-htija, peress illi dan johloq il-perikolu li l-imputat jinstab hati meta ma ghandux hekk jinstab. Ghaldaqstant, fuq skorta tas-sentenzi fuq citati, l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat qed jigu skartati.

La darba dawn l-istqarrijiet qed jigu skartati, ma tirrizulta l-ebda prova fl-atti li b'xi mod tista' tissostanzja l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata.

Jibqa' biss li jigi deciz jekk tirrizultax it-tieni imputazzjoni ossia dik ta' pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis.*

Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).*

L-unika prova li tista' tiffavorixxi t-tezi ta' pussess aggravat, fin-nuqqas tal-istqarrijiet tal-imputat, huwa l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tieghu li, skond ir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, kienet tikkonsisti f'hames blokki zghar tar-raza tal-*cannabis*, b'piz rispettiv ta' 0.74 grammi, 0.58 grammi, 3.60 grammi, 5.02 grammi u 5.37 grammi, f'ammont nett totali ta' 15.31 grammi u in oltre illi huwa kien qieghed barra b'din id-droga fil-pussess tieghu. Mill-banda l-ohra, ghalkemm dan l-ammont ma kienx wiehed insinjifikanti, lanqas jista' jinghad li kien xi xi ammont sostanzjali jew tali li jimmilita necessarjament favur il-pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi l-*cannabis* kienet ghall-uzu tieghu u li dak iz-zmien huwa kien ipejjep il-*cannabis.*[11] Ikkonferma wkoll, waqt din ix-xhieda, illi huwa kien ilu jpejjep il-*cannabis* madwar sena, li kien ipejjep *joint* jew tnejn kuljum, ghalkemm f'gimgha gieli ma pejjep xejn, li kien xtara r-raza in kwistjoni, li originarjament kienet tikkonsisti f'erba' bicciet kollha ndaqs, is-Sibt ta' qabel[12], ghax hadha f'daqqa bil-prezz ta' Lm20 minflok Lm30 u li kien xtara dak l-ammont ghaliex huwa kien ipejjep il-*cannabis* kwazi kuljum. Qal ukoll illi bicca ta' hamsa kienet isservih hamest ijiem u li gieli xtara bicca ta' ghaxra ghax kien jaqbillu u anke din kienet isservih ghal hamest ijiem. Qal li kien xtara erba'

[11] A fol. 82 tal-process.
[12] L-imputat gie mwaqqaf fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Novembru 2005 li kien jahbat fil-lejl ta' bejn il-Hamis u l-Gimgha u ghalhekk id-droga, skond il-verzjoni tieghu, kienet ilha ghandu hamest ijiem.

bicciet ghax haseb li kien jaqbillu fis-sens li gewh irhas, izda meta ppruvaha nduna li din kienet hazina hafna. Dwar dan irid jinghad illi skond ir-relazzjoni tal-espert, il-purita` medja tar-raza in kwistjoni ghas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* kienet ta' cirka 4.2% u skond ix-xhieda tal-istess espert[13], il-purita` kienet "*kemm kemm baxxa*". L-imputat jghid ukoll illi d-droga nstabet fuqu fil-jum in kwistjoni, ghaliex ma riedx ihalliha d-dar minhabba l-genituri tieghu, li bdew jissusspettaw fih ghaliex innutaw li kien qed jidhol id-dar b'ghajnejh homor u kien ghalhekk li ddecieda li ma jzommhiex id-dar. Dakinhar kien ser jahbiha Wied il-Ghajn, peress illi gieli kien jinzel hemmhekk nhar ta' Sibt u kien ser izomm biss ftit minnha sabiex ikun jista' jikkonsma minnha. Jghid ukoll illi huwa kien xtara dak l-ammont ghaliex kien ipejjep hafna u ghaliex haseb li kien jaqbillu u li kien missieru li kien jaghtih il-flus, li bihom imbaghad kien jixtri d-droga. Il-Qorti ssib il-verzjoni tal-imputat kredibbli u attendibbli u li huwa kellu l-vizzju tal-*cannabis* jirrizulta wkoll mir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* u mix-xhieda ta' Vicky Scicluna, in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa, li kkonfermaw illi l-imputat irrikorra ghall-ghajnuna ghand l-istess Agenzija ftit jiem biss wara li sehh il-kaz odjern, ossia fit-22 ta' Novembru 2005.[14]

F'dawn ic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt illi l-imputat kien ipejjep ir-raza tal-*cannabis* regolarment u anke *joint* jew tnejn kuljum u li kienu ilu jaghmel dan ghal perjodu ta' madwar sena, tenut kont ukoll tal-ammont ta' raza misjuba fil-pussess tal-imputat u illi din kienet maqsuma f'pizijiet varji u illi dan l-ammont ma jistax jinghad li ma kienx wiehed rikonciljabbli mal-vizzju tal-imputat, tenut kont ukoll illi l-ispjegazzjoni li offra l-imputat dwar ir-raguni ghaliex id-droga kienet fil-pussess tieghu fil-jum in kwistjoni tista' tigi accettata sal-grad tal-probabbli u in oltre illi fil-pussess tal-imputat ma nstabux oggetti normalment relatati ma' traffikar ta' droga bhal per ezempju xi mizien, noti, ismijiet u numri tat-telefon li jistghu jindikaw kuntatti ma' terzi ghal fini ta' spacc tad-droga, il-Qorti tqis illi ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Anzi hija

[13] A fol. 48 tal-process.
[14] Ara x-xhieda ta' Vicky Scicluna, a fol. 15 tal-process u r-relazzjoni tal-*Probation Officer*, Mary Anne Zammit, a fol. 111 tal-process.

tal-fehma li gie ppruvat tal-inqas sal-grad tal-probabbli, illi l-ammont involut kien ghall-uzu personali tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (b) kif dedotta ma gietx ippruvata sodisfacentement. Jirrizulta biss ippruvat, fil-grad rikjest mil-ligi, il-pussess illegali ta' tali droga u ghaldaqstant l-imputat qed jinstab hati biss tal-pussess semplici tar-raza tal-*cannabis.*

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-ammont ta' *cannabis* li kellu fil-pussess tieghu l-imputat, li kif inghad, ma kienx ammont insinjifikanti, ghalkemm lanqas xi wiehed sostanzjali.

Qieset ukoll min-naha l-ohra, il-fedina penali tal-imputat li kienet netta fiz-zmien tar-reat in kwistjoni u li baqghet netta matul dawn il-proceduri. Qieset ukoll li l-imputat kien minuri meta sehh dan il-kaz u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tapplika l-Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Qieset ukoll id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li ghandu japplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-imputat.

In oltre il-Qorti kkunsidrat ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-*Probation* Maryanne Zammit[15], mil-liema jirrizulta illi l-imputat fil-mori ta' dawn il-proceduri gradwa fl-Inginerija mill-Universita` ta' Malta, ghandu mpjieg fiss u hajja stabbli. Jidher ukoll, mill-istess rapport, illi z-zmien li fih huwa kien jabbuza mill-*cannabis* kien perjodu qasir f'hajtu u li wara li sehh dan il-kaz, huwa fittex l-ghajnuna immedjatament u rnexxielu jeghleb din il-problema kompletament, tant illi l-*key worker* tieghu ddecidiet illi huwa seta' jittermina l-

[15] L-imsemmija Ufficjal tal-*Probation* ipprezentat rapport fl-10 ta' Mejju 2010 (a fol. 24 *et seq* tal-process) u sussegwentement, ipprezentat rapport iehor aggornat fil-21 ta' Marzu 2014 (a fol. 105 *et seq* tal-process).

kuntatt mal-istess Agenzija. Dan il-kuntatt sehh bejn it-22 ta' Novembru 2005 u t-13 ta' Lulju 2007 u minn dak iz-zmien, ma kienx hemm il-htiega li l-imputat jerga' jirrikorri ghas-servizzi tal-istess Agenzija.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 8(b), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 31 u 37 tal-Kapitolu 9, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b), kif dedotti kontra tieghu, izda qed issibu hati tar-reat ta' pussess illegali (semplici) tar-raza tal-*cannabis*, kompriz u nvolut fl-imputazzjoni (b) u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' erba' mija, disgha u ghoxrin Euro u tmenin centezmu (€429.80), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebita bhala Dokument NC, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-hati, stante li kien minuri fiz-zmien li gie kommess ir-reat odjern.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------